# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 448/2015**
**Appell Numru 452/2015**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Joseph Attard**
**Joseph Manuel Galea**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Joseph Attard**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 252360(M), u **Joseph Manuel Galea**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 31182(M), akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli bejn l-1 ta' Ottubru 2003 u t-30 ta' Novembru 2003 f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-

istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ b'qerq ta' aktar minn mitt lira Maltin (Lm100) imma anqas minn elf lira (Lm1,000) għad-dannu tal-Gvern ta' Malta u persuni oħra;

2. fl-istess dati. lok u ċirkostanzi sabiex jiksbu xi vantaġġ jew benefiċċju għalihom innifishom jew għal ħadd ieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw tagħrif falz.

Il-Qorti ġiet mitluba li tikkunsidra li Joseph Manuel Galea sar reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha eżebiti.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba sabiex, fil-każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputati jħallsu l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Ottubru 2015, fejn il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lill-imputat Joseph Manuel Galea ħati tal-addebitu tar-reċidiva u lliberatu minnha, wara li rat Artikoli 18, 49, 50, 188, 308, 309, 310 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-

imputati Joseph Attard u Joseph Manuel Galea ħatja tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet u kkundannathom tnax-il (12) xahar priġunerija li ġew sospiżi għal tliet (3) snin *ai termini* ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-Rikors tal-appellant Joseph Manuel Galea ppreżentat fil-15 ta' Ottubru 2015 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha:*

1. ***tikkonferma** s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti in kwantu ma sabitux ħati tal-akkuża tar-reċidiva u **tħassarha** in kwantu għall-ħtija in konnessjoni mal-ewwel żewġ imputazzjonijiet billi tiddikjarah mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu; jew*

2. *alternattivament u sussidjarjament:*

   *(i) tikkonferma s-sentenza fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti in kwantu ma sabitux ħati tar-reċidiva;*

   *(ii) fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni biss:*

      *a. tikkonferma l-ħtija a tenur tal-Artikolu 308 marbut mal-Artikolu 41(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali;*

      *b. tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti in kwantu għall-ħtija a tenur tal-Artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali, iżda limitatment għar-reat mhux aggravat;*

   *(iii) fir-rigward tat-tieni imputazzjoni biss:*

   *tħassar is-sentenza appellata in kwantu għas-sejbien ta' ħtija in konnessjoni mat-tieni imputazzjoni u ssibu mhux ħati tat-tieni imputazzjoni; jew*

3. ***alternattivament u sussidjarjament**, f'każ li tikkonferma s-sentenza appellata, li tvarja l-piena inflitta għal waħda aktar ekwa u ġusta skont il-liġi."*

Rat ir-Rikors tal-appellant Joseph Attard ipprezentat fis-16 ta' Ottubru 2015 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tirrevoka** s-sentenza appellata u **tiddikjara** lill-imputat Joseph Attard mhux ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u kwindi tilliberah minn kull ħtija u piena skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti Joseph Attard u Joseph Manuel Galea eżebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi quddiem l-Ewwel Qorti l-kawża kienet kemm kontra l-appellant Joseph Attard u kif ukoll kontra l-appellant l-ieħor Joseph Manuel Galea. Eventwalment, l-Ewwel Qorti għaddiet biex tat sentenza waħda fil-konfront ta' Attard u Galea għal liema sentenza kemm Attard u kif ukoll Galea ppreżentaw appell. Huma ppreżentaw Rikors ta' appell separat. Din il-Qorti ser tagħti sentenza waħda fir-rigward tal-appelli mressqa mill-appellanti Attard u Galea b'dan illi l-Qorti ser tniżżel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-aggravji mressqa fiż-żewġ appelli in kwistjoni b'mod separat.

**Ikkunsidrat**

Illi brevement il-fatti jmorru lura għal bejn l-1 ta' Ottubru 2003 u t-30 ta' Novembru 2003. L-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellanti Attard u Galea jorbtu mal-allegat dħul ta' tadam li

ma tkabbarx ġewwa Malta sabiex dan ikun jista' jikkwalifika għas-sussidju li kien qed jagħti l-Gvern dak iż-żmien.

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa miż-żewġ appellanti jkun opportun li din il-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

Illi apparti dak li għadu kemm ingħad din il-Qorti tinnota li fis-sottomissjonijiet finali mismugħa quddiem din il-Qorti diversament preseduta, il-Prosekuzzjoni qablet li ma ssir ebda riferenza għall-istqarrijiet li saru kemm mill-appellant Attard kif ukoll mill-appellant l-ieħor Joseph Manuel Galea u dan minħabba l-pożizzjoni li ħadet il-Qorti Kostituzzjonali dwar tali stqarrijiet li kienu saru żmien ilu ħafna. Fl-istess sottomissjonijiet il-Prosekuzzjoni qalet hekk ukoll (*a fol.* 251): *"jekk il-Qorti tara li ma hemmx biżżejjed provi dwar l-element tal-qliegħ, għax aħna ovvjament wieħed mill-elementi prinċipali fir-reat tal-frodi huwa dak tal-qliegħ, pero', madanakollu, u hawnhekk forsi naqbel ftit mat-talba sussidjarja li għamlet id-difiża, li ċertament hemm ukoll, għandek it-tentattiv li huwa kompriż u involut fir-reat kompjut."*

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Dwar L-Aggravji Tal-Appellant Galea**

Illi l-appellant Galea jgħid li l-Qorti għandha timxi mal-*best evidence rule*. Jargumenta li waqt li hu eżebixxa l-Kodiċi tal-Identifikazzjoni tiegħu bħala "SPB 1", mir-relazzjoni Dok. "KM" jirriżulta li l-i*stickers* imwaħħla fuq il-kaxxa tal-pitkalija huma "SP 1" u mhux "SPB 1" u b'hekk jisħaq li tonqos il-prova li l-kaxex mertu tal-każ huma tiegħu. Dwar dan din il-Qorti tinnota mill-ewwel li l-provi m'humiex limitati għal sempliċement *sticker* jew li jitla' uffiċjal u jiddikjara min kien li daħħal il-kaxxi. Fil-proċeduri huma ammessi l-provi indizjarji jew ċirkostanzjali.

Illi l-Qorti ser tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ewwel żewġ aggravji mressqa mill-appellant Galea flimkien peress li huma b'xi mod jew ieħor konnessi. Fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant Galea jisħaq li l-Ewwel Qorti ma setgħat qatt issibu ħati tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta ossia bl-aggravju tal-valur meta l-istess Qorti ddeskriviet l-ammont bħala *de minimis.* Fit-tieni aggravju jgħid li b'mod alternattiv ma nġabitx il-prova li s-sussidju kien ġie fil-fatt mogħti lilu u b'hekk ma setax jinstab ħati tar-reat komplut imma *se mai* ta' tentattiv biss.

Illi dwar is-sussidju l-appellant jissottometti li qatt ma nġabet prova tal-ammont li hu allegatament iffroda lill-Gvern. Jgħid li l-ammont tant kien negliġibbli li d-Direttur tal-Agrikoltura Dr. Justin Zahra xehed li ma kinitx saret xi kawża biex ikun irkuprat is-sussidju. Jgħid li ma hemm ebda prova li din it-truffa taqbeż il-mitejn, tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94).

Illi l-appellant jgħid li ma kellux jinsab ħati ta' truffa fil-forma kompleta tagħha. Jgħid li l-Prosekuzzjoni ma pproduċiet ebda evidenza li hu kien verament irċevieh. Jgħid li mill-*vouchers* li kienu eżebiti minn imkien ma jirriżulta li s-sussidju ngħata minħabba t-tadam u jekk ħareġ għat-tadam, il-Prosekuzzjoni

naqset li turi jekk dan ħariġx għat-tadam in kwistjoni jew tadam ieħor.

Illi dwar dawn iż-żewġ aggravji tal-appellant Galea din il-Qorti tinnota li l-investigazzjoni kienet limitata għal ħamsa u għoxrin (25) kaxxa u jirriżulta li l-Pulizija kienu elevaw kaxxi mill-garaxx tal-appellant stess u li għalhekk dawn jistgħu jkunu bla *sticker*. Ma' dan wieħed irid iżid ir-rapport lill-Pulizija li ħareg id-Direttur tal-Agrikoltura ta' dak iż-żmien li jirreferu għall-appellant speċifikament. Ma' dan id-dokument hemm d-dokumenti tal-*imports* u d-"*deliveries of greenhouse tomatoes at Pitkali Market in the names of Joseph Galea, Beatrice Galea (his wife) and his fellow companion Joseph Attard*". Mill-eżami ta' dawn il-*vouchers* jirriżulta b'mod l-aktar ċar li f'isem l-appellant Galea hemm indikat il-kwantita' ta' kilos ta' tadam tas-serer li huwa daħħal. Barra dan huwa indikat li bħala tadam tas-serer irid ikun prodott lokali għaliex fil-pitkali jidħol il-prodott Malti biss. Il-*vouchers* ippreżentati bil-ġurament mill-Prosekuzzjoni, qatt ma kienu kontradetti u qatt ma sar xi kontro-eżami fuqhom: la meta tela' jixhed l-espert u lanqas meta tela' jixhed id-Direttur tal-Agrikoltura. Fuq dawn il-*vouchers* hemm ukoll l-ammont tas-sussidju indikat. Fuq kollox hemm ir-ritratti tal-Inkjesta Maġisterjali u r-rapport tal-espert imqabbad Dr. Antoine Vella. Dan kien mgħarraf minn impjegat tal-Ko-operattiva li dan it-tadam kien iddaħħal fis-6 ta' Novembru 2003. Fil-kannestri kien hemm żewġ tipi ta' tadam: Tip A u Tip B. Meta mar fl-għalqa tal-appellant sab għadd ta' tadam imħassar li seta' jinnota li dan kien tat-Tip A u B (*a fol.* 10). Waqt l-ispezzjoni fl-għalqa kien preżenti l-appellant Joseph Manuel Galea. Lanqas hemm dubju li l-appellant kien jaħdem flimklien ma' Joseph Attard.

Illi barra dan kollu, kemm l-espert maħtur kif ukoll id-Direttur tal-Agrikoltura għamluha ċara li fiż-żmien in kwistjoni huwa impossibbli li jkollok tadam tas-serer. Isegwi għalhekk li l-appellant ma setax jippreżenta tadam tas-serer fiż-żmien in kwistjoni. Jsegwi wkoll li t-tadam ippreżentat ma kienx wieħed lokali. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti ma hemmx dubju li fil-ħamsa

u għoxrin (25) kaxxa li fuqhom saret l-investigazzjoni kien hemm tadam "tas-serer" li ddaħħal mill-appellant għaliex il-provi ma jsirux biss bl-i*sticker* ta' fuq il-kaxxa. B'hekk il-parti tal-aggravju f'dan ir-rigward mhux qed tiġi milqugħa.

Ill l-appellant Galea jissottometti wkoll li ma kienx ippruvat l-ammont ta' sussidju li ngħata u allura ma setax jinsab ħati bl-aggravju tal-valur. Din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti qieset l-ammont involut bħala *de minimis*. Din il-Qorti qed tagħti raġun lill-appellant fuq dan il-punt u għalhekk qed tilqa' din il-parti tal-aggravju in kwistjoni.

Illi l-appellant iqanqal dubju dwar l-ammont ta' sussidju rċeviehx hu jew le u jissottometti li lanqas ma jirriżulta jekk is-sussidju ngħatax fil-konfront tal-produzzjoni tat-tadam. Jgħid li l-Prosekuzzjoni ma urietx jekk is-sussidju nħariġx għat-tadam mertu tal-kawża jew xi tadam ieħor imdaħħal fil-pitkalija fis-sewwa. Dwar dan din il-Qorti tinnota li mill-*vouchers* jirriżulta li l-ammont ta' sussidju mogħti għal "tadam tas-serer" meta tadam fis-serer ma jkunx hemm f'dan iż-żmien. B'hekk jirriżulta biċ-ċar għalxiex kellu jitħallas is-sussidju. Lanqas ma hemm konfużjoni dwar liema tadam kellu jitħallas is-sussidju għaliex is-*sub-heading* huwa ċar għal-liema tadam qed jitħallas. Jibqa' pero' ftit tad-dubju jekk is-sussidju tħallasx minħabba li forsi seta' nżamm minħabba l-investigazzjoni. Għalhekk il-Qorti qed tilqa' dik il-parti tal-aggravju f'dan is-sens u tqis li hemm aktar tentattiv tal-ewwel reat milli r-reat komplut.

Illi fit-<u>tielet aggravju</u> tiegħu l-appellant Galea jgħid li ma nġabitx prova li r-reat kien wieħed kontinwat. Jisħaq li ma nġabet ebda prova li turi li ddaħħal tadam mhux Malti f'xi okkażjonijiet oħra. Jgħid li l-Inkjesta Maġisterjali kienet limitata għall-ħamsa u għoxrin (25) kaxxa li ddaħħlu fil-pitkalija fis-6 ta' Novembru 2003.

Illi dwar ir-reat kontinwat fil-konfront tal-appellant Galea għandu jingħad li fl-atti proċesswali jirriżulta li hemm żewġ *vouchers* bid-dati 30 ta' Ottubru u 3 ta' Novembru u kull darba hemm riferenza

għal tadam fis-serer meta skont l-espert u d-Direttur tal-Agrikoltura tali tadam ma setax jeżisti. Mill-*vouchers* jirriżulta li t-tentattiv tar-reat sar għal aktar minn darba. Għalhekk it-tielet aggravju qed ikun miċħud peress li jirriżulta li r-reat kien kontinwat.

Illi r-raba' aggravju tal-appellant Galea huwa li hu ma setax jinstab ħati tat-tieni (2) imputazzjoni għaliex kaxxa tad-tadam mhijiex dokument. Jgħid li sabiex jissussisti r-reat taħt Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jeħtieġ li: (a) ikun hemm dokument, (b) intiż għall-awtorita' pubblika, (ċ) li jkun ideoloġikament falz, u (d) li jiġi mogħti lill-awtorita' pubblika bl-intenzjoni li jsir qliegħ minnu. Jgħid li kaxxa tad-tadam mhijiex dokument u din ingħatat lill-Ko-operattiva FCCS ta' bdiewa li mhijiex awtorita' pubblika. Jgħid li ma saret ebda applikazzjoni għas-sussidju u fl-agħar ipotesi kellu jinstab ħati ta' reat ta' tentattiv taħt Artikolu 188. Id-Direttur tal-Agrikoltura kien keċċa lill-appellant u ma awtorizzax il-bejgħ ta' dan it-tadam.

Illi dwar it-tieni reat *ossia* dak li jirrigwarda Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti tinnota li ma jirriżultax mill-proċeduri li l-appellant ippreżenta xi dokument għajr il-kaxex tat-tadam. Riferenza sejra ssir għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ottubru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Galea** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Għall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli għal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta' (Antolisei, F., *op. cit.*, p. 594). S'intendi, b'kitba wieħed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetiċi, iżda tinkludi dawk numeriċi, stenografiċi u anke kriptografiċi, basta li dik il-kitba tesprimi ħsieb li jkun jiftiehem minn kulħadd jew minn ċertu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkaniċi, b'mezz indelibbli jew li jista' jitħassar u fuq kwalsiasi mezz li

jista' jieħu, imqar temporaneament, il-messaġġ – karta, parċmina, injam, ġebel, ħadid, plastik, etc."

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq iċċitat tinnota li, minħabba l-insenjament hemm imsemmi, il-kaxxi tat-tadam ma jistgħux jitqiesu bħala kitba u b'hekk il-Qorti qed tilqa' ir-raba' aggravju u għaldaqstant ser teħles lill-appellant mill-ħtija tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu.

Illi l-ħames aggravju tal-appellant Galea huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Jgħid li mingħajr preġudizzju għal dak li qal fl-aggravji l-oħra l-piena għandha tkun ferm aktar mieta. Jisħaq li ż-żmien twil li ħadu dawn il-proċeduri sabiex jiġu konklużi bl-ebda mod ma kien attribwibbli lilu. Jgħid li l-Ewwel Qorti ssolleċitat lill-Prosekuzzjoni diversi drabi sabiex tiżgura li hu u l-appellant l-ieħor Joseph Attard ikunu debitament notifikati u jsir progress pożittiv fl-andament tal-każ. Jgħid li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) kienet ddeċidiet li kienet il-Prosekuzzjoni li għal żmien twil ma ħaditx il-każ bis-serjeta' biex imbagħad għalqet il-provi tagħha f'seduta waħda. Għalhekk jitlob li jekk il-Qorti tikkonferma s-sejbien ta' ħtija, il-piena għandha tkun aktar miti, ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi fid-dawl ta' dak li ngħad fir-rigward tal-aggravji l-oħra hawn fuq imsemmija, din il-Qorti hija tal-fehma li għandha tilqa' l-aggravju tal-piena fis-sens li ser ikun hemm temperament fil-piena erogata fil-konfront tal-appellant Galea u dana kif ser jirriżulta fl-aħħar parti ta' din is-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Dwar L-Aggravji Tal-Appellant Attard**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant Attard jgħid li l-appell tiegħu qed ikun sa ċertu punt kolleġġjalment mal-appell tal-appellant l-ieħor iżda pero' jgħid li fejn l-appellant l-ieħor jirriżulta li naqas għandu jirrispondi hu (Joseph Manuel Galea).

Jisħaq li mhux veru li l-fondi kienu fondi Ewropej u meta wieħed jagħmel il-kalkoli l-ammont involut ma jiġġustifikax l-isforzi negattivi għalxiex huwa kien akkużat. Jgħid li huwa ilu bidwi *full-time* u jkabbar ħxejjex skont iż-żerriegħa li jkun utilizza għal skopijiet agrikoli. Għalhekk kull suġġeriment li bilfors il-prodott kien ġie barra minn Malta u speċifikament barra mill-Italja hija assunzjoni żbaljata

Illi l-appellant Attard jirreferi għal dak li xehed l-appellant l-ieħor meta qal: "*Niftakar li Joseph Attard huwa full-time farmer u kien imur spiss il-pitkalija....Niftakar li Joseph Attard kien ħa dawn il-prodotti l-pitkalija u naturalment bl-isticker fuqhom għax inkella ma kinux jiġu aċċettati.*" Jgħid li din id-dikjarazzjoni hija importanti u jidher li kien hemm apprezzament żbaljat. Jisħaq li hu m'għandux serer għaliex huwa l-appellant l-ieħor li għandu s-serer. Ma jistax jifhem kif it-tadam in kwistjoni ma jitkabbarx hawn Malta. Jgħid li ż-żerriegħa tinxtara mill-Italja biex b'hekk iż-żerriegħa tintuża l-Italja apparti minn Malta. Jisħaq li din it-tadama ilha titkabbar u l-ixtieli wkoll jinxtraw mill-Italja.

Illi l-appellant Attard jgħid li ma kinux investigati l-ħames serer kollha tal-appellant Joseph Galea u li kieku dan sar kien jirriżulta li l-esperti tekniċi mhux *au courant* ma' x'jitkabbar hawn Malta. Jgħid li lanqas ma jfisser li għax instabu l-kaxex b'marki Taljani allura ġie konkluż li saret l-importazzjoni mill-Italja. Jgħid li dawn il-kaxex jibqgħu jkunu użati għax wieħed jiffranka ħafna flus. Jargumenta li fuq il-kaxex kien hemm *sticker* tal-appellant fuq kaxxa waħda. Jisħaq li meta Dr. Antoine Vella fix-xiehda tiegħu qal: "*Meta eżaminajt dan l-istess tadam irriżultali li t-tadam kien differenti mill-prodott Malti*" ifisser li l-espert mhux aġġornat fuq il-prodotti Maltin.

Illi din il-Qorti tinnota li dwar dik il-parti tal-aggravju tal-appellant Attard li l-fondi ma kinux Ewropej, kien stabbilit bil-provi li dawn kienu ġejjin mill-Gvern Malti u l-Qorti m'hemmx għalfejn tiddilunga fuq dan il-punt. Din il-Qorti qed tiċħad ukoll dik il-parti tal-appell fejn l-appellant Attard jissottometti li ma

kienx *vale la pena* għal ftit gwadann. Il-kwistjoni mhijiex dwar jekk il-gwadann hux ftit jew ħafna imma jekk sarx xi tentattiv dwar biex isir dan il-gwadann.

Illi l-appellant Attard jissottometti wkoll li ċerti prodotti setgħu jitkabbru f'Malta. F'dan il-punt importanti li wieħed jinnota li fil-*vouchers* (barra f'waħda) it-tadam huwa deskritt bħala dak tas-serer. Minn naħa l-oħra, ir-rapport tal-espert maħtur waqt l-Inkjesta Magisterjali jagħmilha ċara li fil-perjodu tal-istaġun kien impossibbli li t-tadam tas-serer ikun wasal biex jinqata'. Fir-rapport ta' Dr. Antoine Vella hemm imniżżel hekk (*a fol.* 10 *et seq.*):

> "Skont is-Sur Attard is-serra l-oħra li kienet vojta kien fiha t-tadam sa tliet ġimgħat qabel u dan kien tat-Tip A. Ta' min jgħid li s-Sur Attard ma kienx jiftakar l-isem tal-varjeta' ta' dan it-tip. Huwa qalli li l-wiċċ kien qalgħu u l-faxxina (il-veġetazzjoni) ħaraqha biex minflokha jiżra' l-bettieħ. Fl-opinjoni tiegħi dan huwa għal kollox inverosimili għaliex lejn nofs Novembru l-istaġun tat-tadam tas-serra jkun għadu dieħel fl-aqwa tiegħu u ma jagħmilx sens li bidwi jaqla' l-wiċċ proprju f'dak iż-żmien; dan huwa assolutament kontra kull prattika agrikola. Il-pjanti tat-tadam tas-serer idumu jipproduċu madwar sitt xhur jew ftit aktar u għaldaqstant kieku l-wiċċ fis-serra vojta spiċċa ċ-ċiklu produttiv tiegħu fil-bidu ta' Novembru kien ikun ifisser li s-serra kienet ilha tipproduċi l-frott minn Mejju. Kieku ġara hekk kien ikun ifisser li s-serra tas-Sur Attard kienet qed tkun qegħda tipproduċi proprju meta fis-suq hemm it-tadam ta' l-għalqa. Dan ma jagħmilx sens għaliex l-iskop tas-serra huwa dak li tipproduċi l-frott barra mill-istaġun."

Illi għal din ir-raġuni din il-Qorti qed tiċħad dik il-parti tal-aggravju dwar li dan it-tip ta' tadam seta' tkabbar f'Malta ġialadarba dan kien deskritt bħala tadam tas-serer, fis-serer ma kienx hemm tadam matur u, kif wera l-espert, ma kienx jagħmel

sens li t-tadam jitkabbar fis-serer meta t-tadam tal-għalqa jkun fl-aqwa tiegħu.

Illi f'paragrafu sitta (6) tal-appell, l-appellant Attard jikkwota b'approvazzjoni dak li kien xehed li hu u l-appellant l-ieħor fejn qal li kienu ppreparaw il-kaxxi flimkien, li hu kien bidwi *full-time* u li kien imur ta' spiss il-Pitkalija. F'dan il-paragrafu jgħid li mhux tassew li hu għandu s-serer tiegħu. Dwar dan din il-Qorti tinnota li l-proċeduri odjerni m'humiex dwar min hu s-sid jew min għandu l-pussess tas-serer. L-appellant japprova silta milli qal l-appellant l-ieħor li turi biċ-ċar li t-tnejn li huma kienu jaħdmu n-negozju flimkien anzi jagħmilha ċara li l-appellant kien ħa l-prodotti l-pitkalija. In fatti l-proċeduri odjerni huma fuq dan il-punt.

Illi dwar li n-nies tekniċi mhux intiżi fix-xogħol tagħhom, din il-Qorti tinnota li huwa veru li l-Qorti mhux bilfors toqgħod fuq l-esperti li jkunu nħatru mill-Qorti stess jew waqt l-Inkjesta Maġisterjali jew waqt is-smigħ tal-każ pero' l-Qorti ma twarrabx l-opinjoni ta' perit mingħajr ebda raġuni. F'dan il-każ din il-Qorti mhijiex qed tara ebda raġuni għala għandha twarrab l-opinjoni tal-perit tekniku maħtur waqt l-Inkjesta Maġisterjali. Dan lanqas ma jirriżulta li sarlu xi kontro-eżami eżawrjenti meta tela' jikkonferma r-rapport. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad din il-parti tal-aggravju wkoll

Illi fit-tmien (8) paragrafu l-appellant Attard jitkellem dwar it-tliet xtieli li kienu ħomor u jgħid li meta t-tadam jimmatura jitneħħa filwaqt li meta jkun aħdar jitħalla hemm. L-espert ma jaqbilx ma' dan għaliex jikkonkludi li ma kienx hemm pjanta li qegħda jew setgħet xi darba pproduċiet frott tat-Tip A għalkemm *"xi tliet għenieqed tadam ta' dan it-tip kienu tpoġġew – imdendlin maz-zokk – fuq il-pjanti fl-istess serra, fuq ir-ringiela tax-xifer fejn kienu jidhru minn barra"* (*a fol.* 10). Meta xehed l-espert Dr. Antoine Vella huwa irrefera għal *"xi tadam li tpoġġa' b'mod artifiċjali speċi ta' Christmas Tree"* (*a fol.* 96). Din ir-risposta hija ċara u fuqha ma sar

ebda kontro-eżami. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad din il-parti tal-aggravju wkoll.

Illi fid-disa' (9) paragrafu l-appellant jissottometti li ma saritx inkjesta fis-serer kollha. Dwar dan din il-Qorti tinnota li fl-atti proċesswali hemm provi biżżejjed li jwasslu għall-konklużjonijiet raġonevoli u Inkjesta Maġisterjali fis-serer l-oħra ma kinitx indispensabbli. Fl-istess paragrafu jirrepeti l-istess sottomissjoni dwar il-ħila tal-perit tekniku. Konsegwentement u għar-raġunijiet diġa' msemmija, il-Qorti qed tiċħad din il-parti tal-appell.

Illi fl-għaxar (10) paragrafu l-appellant Attard jissottometti li t-tadam li ġie investigat kien fi ftit kaxxi u tas-serer biss u l-forma tat-tadam tista' tkun differenti. Huwa tassew li l-ammont investigat kien limitat u dan jirrifletti ruħu fil-piena kif għamlet l-Ewwel Qorti meta tkellmet fuq id-*de minimis*. Fl-istess paragrafu jingħad ukoll li ma kienx ippruvat li t-tadam kien tiegħu. Jissottometti li jidher *sticker* wieħed biss li hu tiegħu.

Illi dwar dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti għandu jingħad dak li ngħad fil-konsiderazzjonijiet tal-appellant Galea li l-provi mhux limitati għas-sempliċement *sticker* jew li jitla' uffiċjal u jiddikjara min kien li daħħal il-kaxxi. Kif diġa' ngħad aktar 'il fuq huma ammessi l-provi indizjarji jew ċirkostanzjali.

Illi, a skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti tagħmel riferenza għall-konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tal-appellant Galea aktar 'il fuq u li jinsabu f'paġna sebgħa (7) ta' din is-sentenza, liema konsiderazzjonijiet kienu jirrigwardaw il-*vouchers*, ir-ritratti fl-Inkjesta Maġisterjali u r-rapport tal-espert Dr. Antoine Vella. Bħal ma qalet din il-Qorti aktar 'il fuq, ma hemmx dubju li fil-ħamsa u għoxrin (25) kaxxa li fuqhom saret l-investigazzjoni kien hemm tadam "tas-serer" li ddaħħal mill-appellant għaliex il-provi ma jsirux biss bl-i*sticker* ta' fuq il-kaxxa. B'hekk bħal fil-każ tal-appellant Galea, il-parti in kwistjoni tal-aggravju tal-appellant Attard mhux qed tiġi milqugħa.

Illi f'paragrafu ħdax (11) l-appellant jagħmel sottomissjonijiet dwar il-kaxxi li nstabu b'marki Taljani. Fil-fehma tal-Qorti, wara li qieset ir-raġunijiet miġjuba aktar 'il fuq, hemm indizji oħra li ma jħallu ebda dubju dettat mir-raġuni dwar li saret preżentazzjoni ta' prodott ta' tadam li ma kienx jikkwalifika għas-sussidju. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad din il-parti tal-aggravju.

Illi paragrafu tnax (12) bażikament huwa ripetizzjoni tal-istess sottomissjonijiet diġa' magħmula dwar l-espert maħtur fl-Inkjesta Maġisterjali. Dwar l-espert in kwistjoni din il-Qorti tinnota li ma jirriżultalha bl-ebda mod li huwa żvija lill-Qorti. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid ukoll li m'hemmx raġuni għalfejn għandha twarrab il-konklużjoni tiegħu. Għar-raġunijiet mogħtija l-Qorti mhix qed tilqa' din il-parti tal-aggravju wkoll.

Illi din il-Qorti tinnota li m'hemmx dubju li r-reat huwa wieħed kontinwat *ai fini* ta' Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda ma joħroġx ċar jekk dan is-sussidju effettivament tħallasx lill-appellant Joseph Attard. Għal din ir-raġuni l-Qorti qed tqis li dwar l-ewwel (1) imputazzjoni l-appellant għandu jinstab ħati ta' tentattiv biss. Hemm ukoll dubju dettat mir-raġuni jekk kienx hemm l-aggravju tal-ammont.

Illi dwar it-tieni (2) imputazzjoni, għal dak li jirrigwarda Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tinnota li mill-proċeduri ma jirriżultax li l-appellant Attard ippreżenta xi dokument għajr il-kaxex tat-tadam. L-istess konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tal-appellant Galea japplikaw hawn u għall-istess raġuni din il-Qorti mhijiex ser issib lill-appellant Attard ħati tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu u b'hekk ser tilqa' l-appell tiegħu f'dan ir-rigward.

Illi fid-dawl ta' dak li ngħad fir-rigward tal-appell imressaq mill-appellant Attard, din il-Qorti ser tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant Attard u dana kif ser jirriżulta hawn taħt.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appelli ta' Attard u Galea u għalhekk tgħaddi biex tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellant Joseph Manuel Galea ħati tal-addebitu tar-reċidiva u minnha lliberatu;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet ħtija fl-appellanti Attard u Galea fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tagħhom u minflok tiddikjara li l-appellanti Attard u Galea huma ħatja biss ta' tentattiv kontinwat tal-istess imputazzjoni mingħajr l-aggravju tal-ammont;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet ħtija fl-appellanti Attard u Galea fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tagħhom u għaldaqstant tilliberahom minnha u minn kull ħtija u piena fir-rigward tal-imsemmija imputazzjoni;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellanti Attard u Galea ġew ikkundannati tnax-il (12) xahar priġunerija li ġew sospiżi għal tliet (3) snin *ai termini* ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u minflok, wara li rat Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tillibera kemm lill-appellant Joseph Attard u kif ukoll lil appellant Joseph Manuel Galea bil-kondizzjoni li ma jikkommettux reat ieħor fi żmien tliet (3) snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lil ħatja bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huma jikkommettu reat ieħor matul il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**